# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.2

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.2 – Jgħinuna nikbru sew**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Janalizzaw l-ġurnata tal-qassis fil-parroċċa jew ta' xi persuni oħra fil-komunità u x-xogħol tagħhom.
2. Jifhmu kif kull tip ta' xogħol iġib l-għaqda u l-ferħ.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kwiżż: Aqta' min jien.
- Karta ta' taħriġ 2.1 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Ibda l-lezzjoni billi tfiehem lit-tfal li madwarna hawn ħafna nies li jagħtuna servizz u jgħinuna nikbru. Stedinhom: Ejjew insemmu xi wħud minnhom. Stieden lit-tfal issemmu xi wħud minn dawn in-nies.
2. Uri l-kanzunetta: *People in our community* u ara x'ħa jgħidu t-tfal fuq din il-kanzunetta.
3. Spjega lit-tfal u introduċi l-kwiżż: Issa ħa nagħmlu kwiżż. Fil-kwiżż hemm ħames persuni li rridu naqtgħu x'inhu xogħolhom. *Ir-regoli tal-kwiżż u kif jinżammu l-punti qegħdin fl-ewwel żewġ slides tal-powerpoint.*

## Nisimgħu flimkien - Il-qafas tal-lezzjoni

1. Stieden lit-tfal ifissru fi kliemhom x'ikunu raw fil-kwiżż.

2. Spjega: Kif rajna mill-kwiżż, aħna li għadna żgħar hawn ħafna min jieħu ħsiebna. Meta nkunu d-dar insibu l-familja, biex nitgħallmu immorru l-iskola, biex ikollna ambjent nadif għandna l-membri tal-kunsilli lokali, meta nimirdu għandna t-tabib ...

3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.1. Spjega s-silta mogħtija u wara, bħala klassi, iddiskuti Attività 1 u ħalli lit-tfal jimmarkaw it-tajjeb.



4. Spjega xi tfisser il-kelma: SERVIZZ.

5. Iddiskuti Attività 2 u ħalli lit-tfal jagħżlu liema qed jagħtu servizz.

6. Iddiskuti l-aħħar Attività u għin lit-tfal joħorġu l-punt li hu importanti li nobdu fil-pront.

7. Agħlaq il-lezzjoni billi tistieden lit-tfal jisimgħu l-kanzunetta *This Little Light of Mine.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna mdawrin b'nies li jaħdmu biex jagħmlu d-dinja tagħna aħjar.
2. Napprezzaw ix-xogħol tagħhom u ngħidulhom 'grazzi'.
3. Aħna wkoll nistgħu nkunu ta' servizz għal ħaddieħor fl-ambjenti li ngħixu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħrfu li bħala persuni li għandhom ikunu responsabbli, huma għandhom jirċievu u jagħtu wkoll.
- It-tfal iferrħu lil xi ħadd jew jgħinuh u b'hekk ikunu qed jaħdmu biex jagħmlu d-dinja sabiħa aktar.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



Kanzunetta: *People In Our Community*

https://www.youtube.com/watch?v=mw6RBvUmayA&spfreload=10

Kanzunetta: *This little light of mine*

https://www.youtube.com/watch?v=QCN893hzueQ&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, grazzi ta' kemm għandi nies iħobbuni u jieħdu ħsiebi.

